# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 702/15/1 JVC**

**Anthony sive Antoine Dalli**

**v.**

**F.S. Engineering and Plastics Limited (C 29150)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Anthony sive Antoine Dalli, datat l-20 ta' Lulju, 2015, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi r-rikorrent kien jahdem mas-socjeta' intimata bhala *machine setter*[1] u fit-28 ta' Mejju 2013, kien xoghol fil-fabbrika tas-socjeta' intimata li qieghda fil-Marsa. Is-socjeta' ntimata tipproduci prodotti maghmula mill-*plastic*, li jigu prodotti billi pellets ossia bicciet zghar tal-plastic jitpoggew go apparat/magna appozita, jigu mdewwba

[1] drabi ohra indikat b'nomenklatura differenti

f'temperatura gholja, isiru plastic likwidu li mbaghad jigi ppressat ossia *injected* mill-magna/apparat stess ghal go forom appoziti (maghrufa bhala *moulds/molds*), u mbaghad il-plastic jiehu l-forma tal-*mould*, jitkessah f'temperatura baxxa, u mbaghad il-prodott jigi *released* jigifieri jinqala' mill-*mould* u jkun hemm il-prodott finali, bil-forma partikolari li jkun ha fil-*mould*.

2. Illi ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija (9.45pm) tal-jum imsemmi, zviluppat hsara fil-magna/apparat imsemmi u minhabba din il-hsara, kellu jieqaf il-process ta' manifattura. Ir-rikorrent intervjena biex tissewwa l-hsara u jkun jista' jitkompla l-process ta' manifattura u s-socjeta' intimata ma tigix pregudikata, billi din tkun marbuta kuntrattwalment mal-kuntratturi li jghaddulha x-xoghol biex tipproducilhom il-prodotti fi zmien specifikat u fi kwantitajiet specifikati. Zviluppat problema billi l-*plastic* likwidu beda jillikja minn parti tal-apparat/magna minn fejn mhux suppost ikun hemm *leaks* biex il-prodott finali johrog tajjeb, u ghalhekk il-forma (li tkun f'bicctejn) kellha tigi zarmata mill-bqija tal-apparat u mnaddfa, u dan billi jitnehha l-*plastic residue* ossia l-*plastic* maghqud[2] minn maghha, u b'hekk id-difett ta' leak tal-plastic likwidu li zviluppa seta'' jigi rrangat.

3. Illi waqt li r-rikorrent kien qed inaddaf il-mould, safa korrut f'ghajnu l-leminija u sofra perforating *injury* fiha u kellu jigi operat, immedjatament u mbaghad sussegwentement ukoll ghadda minn aktar interventi inkluz operazzjoni ohra.

4. Illi dan l-incident sehh meta r-rikorrent kellu ghajnu l-leminija li giet milquta minn bicca materjal zghira tal-hadid, li nqalghet u taret mill-bicca hadida uzata mir-rikorrent biex biha jaqta' l-*plastic* (qabel imdewweb u issa solidifikat) minn mal-mould.

5. Illi fil-hin li fih sehh l-incident, ir-rikorrent kien qed jahdem bl-"ghodda"/"apparat" disponibbli ghalih, u bil-process u s-sistema tax-xoghol li dejjem intuzat f'cirkostanzi simili.

6. Illi dakinhar li sehh l-incident, ir-rikorrent lanqas kellu disponibbli l-uzu ta' *safety glasses*. Ukoll, is-sistema uzata ta' xoghol u senjatament l-"ghodda"/"apparat" disponibbli biex bih isir ix-xoghol, ma kienux adattati u dankollu maghdud flimkien, wassal ghall-incident mertu tal-kawza u l-korriment konsegwenzjali. Ukoll, qatt ma nghata tahrig dwar kif u f'liema cirkostanzi tax-xoghol kellu jintuza l-*personal protective equipment,* apparti li dan ma giex ipprovdut hlief wara li sehh l-incident mertu tal-kawza[3]. Dawn l-istruzzjonijiet inghataw wara li sehh il-korriment tar-rikorrent. Lanqas kien hemm tahrig kif jinghata l-*first aid* u b'gerha hekk serja, ma ssejjhitx ambulanza u r-rikorrent

[2] jigifieri li minn imdewweb ikun lahaq rega' ssolidifika

[3] fil-passat kien gie pprovdut *safety glasses* wiehed ghall-uzu mil-haddiema kollha li mbaghad kien inkiser u sad-data tal-incident ma giex rimpjazzat

ittiehed lejn id-dar tal-partner tieghu minn kollega tieghu, fejn imbaghad ittiehed l-Isptar u kellu jigi operat.

7. Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident, ir-rikorrent korra serjament f'din l-ghajn u tilef prattikament il-vista kollha minnha, u sofra dizabilita' permanenti fuq il-persuna tieghu u danni ohrajn, skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dottor Jan Janula, li qed jigi hawn anness u markat bhala Dokument AD 1.

8. Illi l-incident fuq imsemmi sehh unikament b'tort, b'htija, b'negligenza u traskuragni tas-socjeta' intimata, li naqset ukoll milli tosserva l-obbligu impost fuqha mill-ligi li bhala principal tizgura ambjent ta' xoghol hieles mill-perikoli ghall-haddiema, u ghalhekk naqset milli zzomm *a safe working environment*.

. Illi s-socjeta intimata giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-incident izda baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:
1. Tiddikjara illi s-socjeta intimata hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut ir-rikorrent li sehh fit-28 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' 9.45pm fil-fabbrika A 25C, Industrial Estate, Marsa.
2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lis-socjeta intimata biex thallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-21 ta' Ottubru 2014, kontra s-socjeta intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta, datata 6 ta' Awwissu, 2015, li permezz tagħha ġie eċċepit is-segwenti:

"1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrent in kwantu diretta kontra s-socjeta' esponenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda u dan stante illi l-istess esponenti mhiex responsabbli ghall-incident de quo, liema incident sehh unikament bi htija tar-rikorrent stess meta naqas serjament milli josserva l-istruzzjonijiet moghtija lilu mis-superjuri tieghu kif ukoll milli jsegwi proceduri ta' prudenza fl-ezekuzzjoni ta' xoghlu fuq il-lant, kif del resto huwa obbligat jaghmel hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi, di piu, ghal kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat mir-rikorrent fir-rikors promotur, is-socjeta' esponenti dejjem aggixxiet b'diligenza fejn, fost affarijiet ohra, dejjem adderiet ruhha mal-obbligi legali taghha, fosthom dawk kontenuti fil-Kapitolu 424 ta' Ligijet ta' Malta fejn sahhet sabiex tipprovdi lill-impjegati taghha, fosthom lir-rikorrent, *a safe place of work* kif ukoll *a safe system of work*. Ghaldaqstant, in vista ta' dak appena premess, jispetta lir-rikorrent jipprova li s-socjeta' esponenti wettqet xi nuqqas illi jaghmilha b'xi mod responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u l-grad ta' tali responsabbilita'.

3. Illi inoltre, b'referenza ghas-sitt premessa tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu, ghal kuntrarju ta' dak li qieghed jigi allegat, is-socjeta' esponenti dejjem provdiet it-taghmir prottettiv kollu mehtieg ghall-ezekuzzjoni tax-xoghol lill-impjegati kollha taghha, inkluz lir-rikorrent. Bl-istess mod, l-istess socjeta' esponenti kienet u ghadha tati tahrig regolari lill-impjegati taghha, inkluz lir-rikorrent, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi t-tieni talba tar-rikorrent ghandha ghalhekk tigi rigettata stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita' tad-danni pretizi mir-rikorrent huwa kontestat u ghaldaqstant l-istess ghandu jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.

5. Illi t-tielet talba tar-rikorrent ghandha ukoll tkun michuda u dan ghaliex is-socjeta' esponenti m'ghandhiex tigi kostretta thallas ebda danni lill-istess rikorrent.

6. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi, bl-ispejjes kontra r-rikorrent."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Frar, 2021, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suespost l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kaz odjern billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz tghaddi sabiex tilqa' talbiet tar-rikorrent in parte kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament u tiddikjara illi s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut ir-rikorrent li sehh fit-28 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' 9.45pm fil-fabbrika A 25C, Industrial Estate, Marsa fil-persentagg ta' 90% filwaqt li r-rikorrent igorr responsabilita' ta' 10% ghall-istess;

> 2. Tilqa’ t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali mill-atti tal-intimata fis-somma ta’ disgha u sebghin elf, disa’ mija u erbgha u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€79,964.35) rapprezentanti d-90% responsabilita’ tas-socjeta’ ntimata;
>
> 3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrent is-somma ta’ disgha u sebghin elf, disa’ mija u erbgha u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€79,964.35) rapprezentanti d-90% tad-danni likwidati dovuti mill-intimata lir-rikorrent.
>
> “Bl-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu sopportati f’10% mir-rikorrent u 90% mis-socjeta` intimata.”

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet rassenja tax-xhieda miġbura tul il-kawża (li a skans ta’ repetizzjoni ssir referenza għalihom) u s-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Illi mill-provi esebiti fl-atti jirrizulta s-segwenti dwar il-punti relevanti ghall-incident:
> 1. Mhux kontestat bejn il-partijiet li sehh l-incident fuq il-post tax-xoghol u li fih l-attur soffra debilita permanenti;
> 2. Mhux kontestat ukoll illi fis-sena 2011 u probabilment anki qabel ir-rikorrenti inghata *safety goggles* li kien jinzamm fil-kaxxa tal-ghodda;
> 3. Ma hemmx qbil izda bejn il-kontendenti jekk dan is-safety goggles kienx ghadu intatt dakinhar tal-incident. Min-naha tieghu l-attur jixhed li dan in-nuccali kien inkiser, talab rimpjazz tieghu lil Derek Saliba u li sa dakinhar tal-incident kien ghadu ma nghatax iehor gdid. Da parti tal-kumpanija ssostni li fis-sena 2011 kien inghata t-tieni *safety goggles* lill-attur u tichad tramite x-xhieda Derek Saliba u Edward Azzopardi li dan talab li jinghata iehor;
> 4. Ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar jekk ix-xoghol li kien qed isir fuq il-magna in kwistjoni li fuqha sehh l-incident kienx wiehed urgenti. Ir-rikorrent da parti tieghu jghid li meta nforma lil Derek Saliba li l-magna kienet qed tillikja dan qallu verbalment li x-xoghol kien wiehed urgenti u sabiex jiehu pacenzja u jnaddaf il-magna kull meta din tillikja u jkompli bil-produzzjoni. Min-naha taghha l-kumpanija tramite l-istess Derek Saliba jichad li r-rikorrent kien kellmu u li hu qallu li x-xoghol kien wiehed urgenti u biex jibqa’’ ghaddej bix-xoghol.
> 5. Ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-procedura li kellu jadopera r-rikorrent la darba kien hemm il-leak fil-magna u gie l-bzonn li jnehhi l-plastik minn mal-mould. L-attur jghid li sa minn dejjem huma uzaw zewg proceduri jew li jimmartellaw b’hadida biex jaqilghu il-plastik jew isahhnu l-hadida u jaqtghu il-plastik. Da parti taghha l-kumpanija

intimata tghid li l-procedura qatt ma kienet li wiehed jimmartella l-hadida izda li tissahhan il-hadida biex jinhall il-plastik u jitnehha.

Kunsiderazzjonijiet ulterjuri:

Il-Qorti rat li l-partijiet lkoll jaqblu li qabel l-incident kien hemm *safety goggles* fil-kaxxa tal-ghodda tar-rikorrent. Ir-rikorrent izda jixhed li dan inkiser u hu talab lil Derek Saliba sabiex jaghtih iehor, xhur qabel sehh l-incident. Skont ir-rikorrent dan in-nuccali l-gdid kien ghadu ma wasalx sa dakinhar tal-incident u ghalhekk ma seta'x juzah fuq ix-xoghol. Fil-kontro-ezami tieghu ir-rikorrent jammetti car u tond li kieku kellu n-nuccali u kien liebes in-nuccali dakinhar tal-incident ma kienx iwegga'.

Da parti tal-kumpanija Derek Saliba jichad li dan in-nuccali ntalab lilu mir-rikorrent. Edward Azzopardi li jsostni li huwa l-inkarigat mit-taghmir protettiv jirreferi ghad-dokumentazzjoni li tirreferi li l-attur inghata nuccali fis-sena 2011 u li r-rikorrent lilu ma talbux rimpjazz tal-istess.

Il-Qorti rat izda li bosta mix-xhieda li ressaq l-attur u li kienu jahdmu fil-fabbrika lkoll jikkonfermaw li kull xift kellu nuccali wiehed protettiv li kien jinzamm fil-kaxxa tal-ghodda. Xhud partikolari lmenta li dan kien ikun mitfugh mal-ghodda u li ma kienx ser jilbsu wara li jkunu libsuh ohrajn u jkun bit-trab. Ix-xhud Edward Azzopardi jikkonferma li qabel l-incident kien jara spiss lill-attur liebes in-nuccali protettiv u dan iwassal lill-Qorti sabiex temmen il-verzjoni tal-attur li meta hu kellu nuccali a disposizzjoni tieghu kien juzah. Rat ukoll li Derek Saliba li jichad li ntalab in-nuccali mir-rikorrenti fil-kontro-ezami tieghu bidel bosta mill-verzjoni li huwa taha fl-affidavit proprju fosthom dwar meta effettivament inghata t-tahrig lill-impjegati, dwar liema ghodda kienet tkun disponibbli mill-ewwel u liema kien ikun hemm bzonn tinxtara, dwar min kien effettivament mar il-fabbrika wara l-incident jekk hux ir-rikorrent jew it-tfajla tieghu, dwar jekk hux minnu li kien ir-rikorrent li tah il-verzjoni tal-incident jew le u wkoll dwar lil min l-impjegati kienu jitolbu ghall-ghodda nieqsa fejn finalment jammetti li hafna drabi lilu jew lill-missieru kienu jitolbuhom ghax huma kienu jkunu prezenti. Minn dan kollu l-Qorti tqis li fil-kontro-ezami tieghu Derek Saliba jaghti l-idea li ma kienx daqshekk cert minn dak li xehed fuqu fl-affidavit tieghu stess u dan iwassal sabiex il-Qorti ma tqisx ix-xiehda tieghu bhala wahda kredibbli. Sahansitra Derek Saliba xehed li r-rikorrent mhux minnu li cempillu biex jghidlu li l-magna qed 'tileakja' meta hareg car li s-*shift leaders* kienu jirrispondu direttament lilu u kull ma kien jinqala' dejjem hu kien il-punt ta' referenza ghalihom. L-istess xhud izid li l-ghada ccekkja l-magna u sabha tahdem sew allura l-Qorti tistaqsi ghal x'inhi r-raguni li sehh l-incident jekk il-magna ma kinitx qed tileakja! Dawn l-inkonsistenzi tax-xhud lkoll isahhu l-konvinzjoni tal-Qorti li Derek Saliba ma xehdx il-verita`.

Illi wkoll rrizulta lill-Qorti mill-assjem tax-xiehda ta' Derek Saliba, Edward Azzopardi u anki tal-impjegati l-ohra, li effettivament l-impjegati l-aktar li kien ikollhom komunikazzjoni fuq il-post tax-xoghol kien ma' Derek Saliba u hadd aktar. Hareg car li kien hu l-punt ta' referenza bejn il-haddiema u l-bqija tal-kumpanija u dan japplika wkoll ghar-rikorrent. Tant hu hekk li meta sehh l-incident l-impjegati cemplu li Derek Saliba u lil hadd aktar.

Ukoll il-Qorti rat li ghalkemm Edward Azzopardi fl-affidavit tieghu taha x'jifhem li hu kellu kollox taht kontroll ghal dak li hu taghmir protettiv mill-kontro-ezami hareg li l-procedura kienet ferm differenti minn kif jaghti x'jifhem fl-affidavit tant li ghalkemm hu xehed li kienu jsiru bosta proceduri b'mod regolari, finalment fil-kontro-ezami jammetti li zgur li kien isir kien li jibghat ghalihom kull sitt xhur u ma jikkonfermax l-ispot checks imsemmija precedentement minnu. Sahansitra dan ix-xhud mhux cert jekk l-allegati *spot checks* u proceduri ta' *health and safety* kinux isiru qabel l-incident jew wara.

Illi min-naha tieghu r-rikorrent sostna l-verzjoni tieghu wkoll fil-kontro-ezami u baqa' jinsisti li hu talab ir-rimpjazz tan-nuccali xhur qabel l-incident lil Derek Saliba. Tant jibqa' jsostni l-verzjoni tieghu li jammetti li kieku kellu n-nuccali ma kienx isehh l-incident. Il-verzjoni tal-attur ghal dak li jirrigwarda skarsezza ta' ghodda, il-mod hazin li kienu mizmuma l-magni b'dan li kienu dejjem jileakjaw, x'taghmir protettiv kienu inghataw u n-nuqqas ta' tahrig almenu ghal dak li kien sahha u sigurta lkoll giet korroborata minn xhieda ohra mpjegati tal-fabbrika fosthom Dennis Grech u Chris Borg.

in il-Qorti in vista tal-inkonsistenzi bejn ix-xhieda mressqa mill-kumpanija intimata u dik tar-rikorrenti kif komfortata mill-istampa li jaghtu tal-istat mhux daqshekk fil-fabbrika ghal dik li hi ghodda u rimpjazz dejjiemi tal-istess (nkluz taghmir protettiv) mill-impjegati l-ohra temmen li l-verzjoni veritiera hi li r-rikorrent verament tkissirlu n-nuccali u li talab rimpjazz tieghu lil Derek Saliba u li sal-mument tal-incident dan ma kienx gie rimpjazzat. Johrog car li sa dakinhar tal-incident il-kumpanija ntimata ftit li xejn kienet taghti mportanza lil dan it-taghmir ta' protezzjoni cioe' n-nuccali bhala ghodda essenzjali fuq il-post tax-xoghol tant li tat wiehed biss lil kull xift u li ried jintuza bejn diversi nies fl-istess xift ghalkemm huwa minnu li rrizulta li l-aktar li kien ikollu bzonnu kien ix-xift leader. In oltre il-Qorti tqis li l-fatt li nuccali protettiv jitbiddel fis-sena 2011 u jithalla fil-kaxxa tal-ghodda ghat-trab u l-grif fuq sentejn qabel sehh l-incident jimmilita wkoll favur il-probabilita' li dan verament inkiser u kellu bzonn jigi rimpjazzat. Hareg ukoll car li l-kumpanija qieset biss verament il-bzonn tan-nuccali protettiv fuq il-post tax-xoghol wara li sehh l-incident tant li sa gurnata wara baghtet ghall-impjegati kollha u tathom wiehed kull wiehed. Dan jikkontradixxi ferm max-xiehda ta' Edward Azzopardi li xehed li mhux l-impjegati kollha kellhom bzonn in-nuccali protettiv. Tant hu hekk li meta effettivament wara l-incident inghata n-nuccali

protettiv l-istruzzjonijiet li nghataw lill-impjegati kollha kien li juzawh meta jkunu qed inaddfu jew inehhu xi materjal.

Illi in vista tal-konkluzjonijiet suesposti l-Qorti tqis allura li gie pruvat sal-grad tal-probabbli rikjest mil-ligi li ghalkemm ir-rikorrent kien inghatalu nuccali protettiv dan kien inkiser qabel l-incident u ghalhekk Derek Saliba gie mitlub jirrimpjazzah dan ma kienx inghata lir-rikorrent. Ghalhekk ir-rikorrent ma seta'x jaghmel uzu minnu dakinhar li sehh l-incident.

Illi dwar il-metodu ta' kif kellu jitnehha l-plastik minn mal- 'mould' fil-kaz partikolari l-Qorti jirrizultalha li ghalkemm waqt il-kors l-impjegati nghataw struzzjonijiet sabiex juzaw ir-ram biex ma jkissrux il-'mould' fil-parti ta' gewwa taghha minn imkien ma rrizulta mix-xhieda li effettivament fil-kaxxi tal-ghodda l-impjegati fosthom ir-rikorrent kellhom a disposizzjoni taghhom ir-ram. Irrizulta fil-fatt li anki l-istess Derek Saliba kkonferma fil-kontro-ezami li kemm hu kif ukoll l-impjegati kienu juzaw bicciet tal-hadid li kienu jithallew fil-kaxxa tal-ghodda ghal dan il-ghan wara li ma jibqawx tajbin ghall-uzu partikolari taghhom. Il-Qorti tinnota l-uzu tal-kelma 'hadid' diversi drabi fil-kontro-ezami ta' Derek Saliba. In-nuqqas tal-bicciet tar-'ram' jistona sew u xejn ma jikkorobora favur is-socjeta' ntimata la darba hareg car mix-xiehda tat-tlett enginiera li l-uzu tar-'ram' sabiex isir it-tindif kien mandatorju. Jirrizulta ghalhekk li dan kien nuqqas ferm gravi da parti tas-socjeta' ntimata. Hareg ukoll illi kieku dakinhar tal-incident kienet qed tintuza virga tar-ram u mhux tal-hadid biex isir it-tindif tal-magna l-possibilita' kienet li din ma tinkisirx u ttir f'ghajnejn ir-rikorrent bhal ma ghamel il-metall ghaliex appuntu hija maghrufa bhala *soft metal*.

Ili in oltre rrizulta mill-provi li l-kumpanija ntimata naqset milli tipprovdi lill-impjegati taghha b'martell 'soft mallett' u pprovdiet biss martell normali tal-hadid b'dana li l-impjegati ma kellhomx alternattiva li meta jsammru l-hadid biex jaqilghu il-plastik ikunu qed isammru hadid ma' hadid.

Illi din il-Qorti rrizultalha li effettivement il-procedura adoperata fix-*shop floor* sabiex jitnehha plastik minn mal-'mould' kienet differenti f'kaz li l-plastik ikun fuq in-naha ta' barra tal-mould u mhux gewwa dik il-parti fejn hemm il-forma tal-oggett li qed jigi manifatturat. Fil-kaz tal-incident odjern il-plastik kien fuq in-naha ta' barra tal-forma tant li l-forma ma setghetx tinqala' kif jispjega r-rikorrent ghaliex il-boldijiet kienu miksija bil-plastik imdewweb fuqhom. Ir-rikorrent xehed li f'kazijiet bhal dawn fejn ma kienx hemm il-biza li ssir hsara lill-forma huma minn dejjem uzaw il-prattika li jsammru b'hadida biex jaqilaw il-plastik liema procedura izda tiddependi wkoll fuq l-ammont ta' plastik li jkun ghaqad. Kien hemm procedura ohra li l-hadida li tintuza ghat-tismir tigi l-ewwel msahhna izda skont ir-rikorrent u wkoll impjegati ohra din il-procedura kienet timla l-fabbrika bir-riha ta' hruq tal-plastik filwaqt li l-haddiema ma kellhomx maskri ghal dan il-ghan. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li fil-kaz tal-incident partikolari fejn kien hemm il-

boldijiet kien dejjaq u ghalhekk ma seta'x idahhal il-blow lamp u bilfors kellu jara kif jaghmel biex jaqla' l-plastik.

Il-Qorti rat ukoll li l-istess Derek Saliba fil-kontro-ezami tieghu jghid li kien jintuza l-hadid biex jissammar izda jinsisti li dejjem kien jissahhan. Dan ma qablux mieghu mhux biss ir-rikorrent izda wkoll impjegati ohra li xehdu fl-atti li tressqu mir-rikorrent kif gia suespost.

Il-Qorti wara li evalwat il-verzjonijiet kollha fl-atti tqis li bejn il-procedura perfetta li tipprova taghti x'tifhem il-kumpanija intimata u dik li verament kienet adoperata fil-fabbrika almenu sa dakinhar l-incident kien hemm bosta differenzi. Fejn suppost kien jintuza r-ram kien jintuza l-hadid u fejn suppost kien jintuza martell *soft mallet* il-kumpanija kienet tipprovdi martell normali tal-hadid. Ukoll hareg car li mhux f'kull kaz kienet tissahhan il-hadida qabel ma jitnehha l-plastik izda l-prassi kienet li skont id-daqs tal-plastik li jrid jitnehha l-impjegat imexxi jew billi jsammar u din tinqala jew tissahhan il-hadida u l-plastik jinqata skont id-daqs tal-plastik li jkun ingema u ghaqad. Din il-Qorti hija konvinta mix-xhieda li tressqu quddiemha, li Derek Saliba li kien fuq ix-'shop floor' ta' kuljum kien jaf ben tajjeb li l-impjegati hekk kienu jahdmu, dan ghal snin twal u qatt ma waqqafhom.

Illi l-Qorti tqis ukoll li huwa nutli li l-kumpanija tistrieh fuq il-kors li nghata mill-Inginiera fis-sena 2011 ghaliex dawn ghamluha cara li huma ma dahlux fuq taghmir protettiv oltre z-zarbun u wkoll li l-kors ma kienx jinkludi tahrig dwar it-tnehhija tal-plastik minn barra l-*mould*.

Stabilit li r-rikorrent ma kellux a disposizzjoni tieghu nuccali ta' protezzjoni u li l-procedura adoperata minnu kienet wahda normali uzata konsistentement fil-post tax-xoghol in kwistjoni jonqos li jigi stabilit allura jekk ir-rikorrent kienx gjustifikat li nonostante l-hsara fil-magna jibqa' ghaddej bil-produzzjoni b'tali mod li spiccca wegga'.

Illi l-partijiet kif gia inghad ma jaqblux dwar jekk ix-xoghol li kienet qed taghmel il-magna partikolari kienx wiehed urgenti jew le skont l-ordnijiet bil-miktub. Ir-rikorrent da parti tieghu qatt ma sostna li bil-miktub dan l-ordni kien indikat bhala urgenti izda jsostni li meta nforma lil Derek Saliba li l-magna kienet qed tileakja l-plastik b'tali mod li kienet qed tieqaf dan tal-ahhar qallu li x-xoghol kien urgenti u li ma kienx jippermetti li jieqaf. Skont ir-rikorrent Derek Saliba qallu biex jiehu pacenzja u kull meta l-magna jkollha leak inaddaf u jkomplu bix-xoghol. Da parti tieghu Derek Saliba jichad li huwa qal dan il-kliem lir-rikorrent. Ir-rikorrent minn naha tieghu fil-kontro-ezami jibqa' jinsisti fuq ix-xhieda tieghu u cioe' li kien Derek Saliba li ndika li x-xoghol huwa urgenti u li ghalhekk kellu jnaddaf il-magna diversi drabi u wara li ghamel din il-procedura ghal aktar minn darba fl-ahhar spicca wegga'.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti kkonstatat li r-rikorrent kien il-persuna nkarigata mix-xift kollu bejn erba' u sitta minn nies u l-magni kollha

dakinhar li sehh l-incident. Il-Qorti tifhem li r-rikorrent bhala *shift leader* kellu pressjoni li x-xoghol li jigi ordnat li jsir waqt il-hin tas-*shift* tieghu effettivament isir. Meta ra li l-magna ghandha l-hsara jsostni li huwa talab id-direzzjoni minghand Derek Saliba u fil-fatt din inghatatlu fis-sens li l-magna kellha tibqa' tahdem. Ghajr ghall-verzjoni kontradittorja ta' Derek Saliba u li din il-Qorti gia sostniet li tqisha bhala mhux veritiera l-Qorti ma sabet xejn aktar fil-process li jikkontradixxi li nghataw dawn l-istruzzjonijiet minnu. Il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-fatt li fil-kontro-ezami tieghu Derek Saliba ma nstemax daqshekk cert dwar dak li kien xehed fl-affidavit u taha verzjonijiet diversi dwar kif setghu graw l-affarijiet partikolarment dwar l-ghodda, dwar min kellmu u dwar kif jahdmu fuq il-post. Din l-inkonsistenza da parti ta' Derek Saliba twassal lill-Qorti sabiex temmen il-verzjoni tar-rikorrent li huwa nghata struzzjonijiet sabiex ikompli x-xoghol bil-magna partikolari irrilevantement jekk issemmiex li dan kien indikat bhala xoghol urgenti jew le fid-dokumentazzjoni. Il-Qorti wkoll tqis li huwa inverosimili hafna li r-rikorrent kien ser jaghti din il-verzjoni fl-affidavit tieghu li kieku kien jaf li hija gidba la darba kien ovvju li Derek Saliba kien ser ikun xhud ukoll fil-kawza odjerna in vista tal-irwol principali tieghu fix-xoghol tal-fabbrika.

Ghalhekk la darba rrizulta lil din il-Qorti li r-rikorrent inghata struzzjonijet sabiex ikompli x-xoghol u ma giex provdut b'rimpjazz tan-nuccali protettiv u wkoll kellu jahdem bl-ghodda li giet provduta lilu kif gie mghallem lilu tul snin twal li huwa kien jahdem mas-socjeta' intimata jonqos li jigi deciz jekk ir-rikorrent kienx gustifikat li juza dik il-procedura meta hu stess jammetti in kontro-ezami li jaf li meta ssammar hadid ma' hadid hemm il-possibilita' li ttir xi parti mill-hadida. Il-Qorti tifhem li r-rikorrent kellu pressjoni fuqu bhala l-persuna nkarigata biex ilesti x-xoghol u wkoll li nghata struzzjoni biex ilesti. Rat ukoll li r-rikorrent xehed li din il-procedura dakinhar stess kien adoperaha diversi drabi u ma kien gara xejn. Rat izda li la darba r-rikorrent kien jaf li m'ghandux nuccali protettiv ghax ma giex rimpjazzat kellu joqghod aktar attent meta juza l-metodu tat-tismir tal-martell tal-hadid mal-hadid biex jevita li ttir xi hadida kif kien jaf tajjeb li seta'' jigri. Seta'' wkoll f'dawn ic-cirkustanzi qies li jekk isahhan il-hadida jkun ahjar biex it-tismir ma jkunx daqshekk qawwi u l-hadida taqta' aktar malajr izda dan ghazel li ma jaghmlux. F'dawn ic-cirkostanzi allura l-Qorti tqis li ghalkemm il-parti l-kbira tat-tort u r-responsabilita' tal-incident tinkombi fuq il-kumpanija intimata talli ma pprovdietx ir-rimpjazz tat-taghmir protettiv u cioe' n-nuccali, talli ma pprovdietx taghmir adegwat u ambjent sigur fuq il-post tax-xoghol u wkoll talli nghataw struzzjonijiet sabiex ix-xoghol jitkompla billi jitnehha l-plastik kull meta dan johrog u jaghqad u jwaqqaf il-magna, l-Qorti tqis li da parti tieghu ir-rikorrent seta'' ha aktar mizuri la darba kien jaf ben tajjeb li seta' jtir il-hadid u ma kellux a disposizzjoni nuccali protettiv u allura parti zghira mit-tort tinkombi wkoll fuqu.

ic-cirkustanzi suespost l-Qorti tqis li filwaqt li 90% tat-tort u r-responsabilita' tal-incident tinkombi fuq is-socjeta' ntimata talli naqset

milli tipprovdi ambjent sigur fuq il-post tax-xoghol tal-tar-rikorrent u wkoll naqset milli tipprovdi l-ghodda adegwata ghax-xoghol intiz li jsir mir-rikorrent, 10% tat-tort u responsabilita' tinkombi fuq l-istess rikorrent li seta' jipprevedi li hadid ma' hadid iwassal biex itir il-metall u ghalhekk ghalkemm kellu pressjoni sabiex ikompli x-xoghol seta' f'dawk ic-cirkustanzi ha mizuri ohra bhal li jsahhan il-hadida sabiex possiblment din ma tinkisirx.

Danni

Damnum Emergens

Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jindika li huwa uza l-*injury leave* kollu, ma gie indikat l-ebda ammont pretiz minnu u lanqas giet esebita l-FS 3 tas-sena 2013 sabiex il-Qorti setghet tqabbel mas-sena ta' qabel u tasal ghad-differenza. Jirrizulta ghalhekk li fl-atti ma tressqu l-ebda provi dwar danni emergenti sofferti mill-attur u ghalhekk m'hemm l-ebda *damnum emergens* x'jigi likwidat.

Lucrum Cessans

Illi dwar id-danni cessanti sofferti l-espert nominat mill-Qorti Mr Franco Mercieca kkonkluda li konsegwenza tal-incident ir-rikorrent soffra dizabilita' permanenti ta' 15%. Dan ir-rapport kif ahjar spjegat bid-domandi in eskussjoni ma giex ulterjoment kontestat mill-partijiet.

Il-Qorti rat ukoll li r-rikorrent a fol. 38 et seq tal-process esebixxa l-FS3's ghas-snin 2010, 2011 u 2012 bil-medja ta' salarju annwali bejniethom jammonta ghal €16,723. L-attur twieled fl-24 ta' Mejju, 1983 (fol. 42). Jirrizulta li meta sehh l-incident l-attur kien ghandu tletin (30) sena. L-eta` lavorattiva tieghu ghandha titqies sa millanqas l-eta` ta' hamsa u sittin sena (65):

€16,723 x 15%(dizabilita`) =€2508.45 x 35 (multipier) = €87,795.75 x 90% (responsabilita` tas-socjeta' intimata) = €79,016.17.

Il-Qorti rat li l-incident sehh fis-sena 2013 u l-kawza nfethet fl-2015 u qed tinqata' sitt snin wara ghalhekk bhala 'lump sum payment' tqis li ghandu jitnaqqas 8% u mhux 20%:

€79,016.17 - €6321.30 (8%) = €72,694.87 + €7,269.48 (10% - cirkustanzi tal-hajja) = €79,964.35.

Total Lucri Cessanti u cioe' 90% responsabilita' dovuti lir-rikorrent mis-socjeta' intimata jammontaw ghall-disgha u sebghin elf, disa' mija u erbgha u sittin Euro u hamsa u tletin centezmu (€79,964.35)."

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta F.S. Engineering and Plastics Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex takkolji l-appell tagħha u tirriforma s-sentenza appellata tat-23 ta' Frar, 2021, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet fuq premessi fejn:

> "(a) minflok illi ssib lis-soċjeta` esponenti responsabbli fil-grad ta' disgħin fil-mija (90%) għall-inċident illi seħħ fit-28 ta' Mejju, 2013, tilqa' l-eċċezzjonijiet minnha mressqa, tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent hawn appellat u tiddikjara l-istess Anthony sive Antoine Dalli unikament responsabbli għall-inċident in dezamina;
> (b) mingħajr preġudizzju għal dak appena premess, għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, tvarja l-elementi tal-*multiplicand*, tal-*multiplier,* u tat-tnaqqis tal-*lump sum payment* u, għal bqija (ossia r-rata ta' debilità) tikkonferma l-kriterju applikat , mill-ewwel Qorti.
>
> Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellat."

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut Antoine Dalli, li permezz tagħha wieġeb li din il-Qorti għandha tgħaddi sabiex tiċħad l-appell tas-soċjeta` appellanti mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi u dan fl-intier tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellanti.

7. Rat li l-partijiet ressqu nota konġunta, ai termini tal-Artikolu 207 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tagħha ddikjaraw li m'għandhom l-ebda sottomissjonijiet verbali x'jagħmlu u għalhekk din il-Qorti tista' tħalli l-kawża għas-sentenza.

8. Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat:

9. Illi l-azzjoni ta' danni mressqa mill-attur hija waħda konsegwenti għal inċident fuq il-post tax-xogħol, li seħħ fil-fabbrika fejn is-soċjeta` konvenuta tmexxi n-negozju tagħha, li seħħ fit-28 ta' Mejju, 2013, meta waqt li l-attur kien qiegħed jaħdem, taret farka ħadida għal ġewwa għajnu, bil-konsegwenza li minkejja diversi interventi mediċi fl-isptar, huwa tilef il-vista mill-istess għajn. Kwindi l-imsemmi inċident ħalla lill-attur b'diżabilita` permanenti. L-attur iqis lis-soċjeta` konvenuta responsabbli għall-inċident peress li jikkontendi li din tal-aħħar ma kenitx tipprovdi lill-ħaddiema tagħha la bit-tagħmir protettiv meħtieġ u lanqas b'għodda addattata, jew taħriġ dwar kif u f'liema ċirkostanzi kellu jintuża t-tagħmir protettiv meħtieġ, apparti n-nuqqas li tipprovdi ambjent tax-xogħol sigur. Kwindi talab (1) li s-soċjeta` konvenuta tiġi dikjarata responsabbli għall-inċident in kwistjoni, li fih safa korrut; (2) li jiġu likwidati d-danni sofferti minnu konsegwenti l-imsemmi inċident; u (3) li s-soċjeta` konvenuta tiġi kkundannata tħallas id-danni kollha hekk likwidati. Bl-ispejjeż kontra tagħha.

10. Is-soċjeta` konvenuta ċaħdet ir-responsabbilta` għall-inċident in kwistjoni li hija tikkontendi seħħ bi ħtija tal-istess attur meta naqas milli josserva l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mis-superjuri tiegħu u li naqas milli

jsegwi l-proċeduri ta' prudenza fl-eżekuzzjoni ta' xogħlu, kif kien obbligat li jagħmel u li hija dejjem imxiet bid-diliġenza u skont l-obbligi legali tagħha, inkluż li tipprovdi *a safe place of work,* u t-tagħmir protettiv kollu meħtieġ lill-impjegati tagħha, kif ukoll kienet tipprovdi t-taħriġ regolari lill-impjegati tagħha. Inoltre kkontestat d-danni pretiżi mill-attur u saħqet li kien jispetta lill-istess attur jipprova d-danni skont il-liġi.

11. Filwaqt li l-ewwel Qorti sabet li s-soċjeta` konvenuta kienet responsabbli għall-inċident li fih safa korrut l-attur fil-perċentwal ta' 90%, qieset ukoll li l-attur kellu jġorr responsabbilta` ta' 10% għall-istess. Illikwidat id-danni mġarrba mill-attur fis-somma ta' €79,964.35 rappreżentanti d-90% responsabbilta` tas-soċjeta` konvenuta u kkundannat lis-soċjeta` konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata lill-attur. Bl-ispejjeż jinqasmu bejn il-kontendenti fil-kawża skont il-perċentwal ta' responsabbilta`.

12. Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha. L-aggravji tas-soċjeta` konvenuta appellanti huma tlieta: (i) in-nuqqas ta' responsabbilta` sħiħa tagħha abbinata mar-responsabbilta` sħiħa tal-ħaddiem għall-inċident in kwistjoni; (ii) il-ħtija kontributorja tal-attur appellat; u (iii) l-komputazzjoni tad-danni. Min-naħa tal-attur appellat, saret risposta li permezz tagħha

rribatta l-aggravji kollha mressqa fir-rikors tal-appell sabiex din il-Qorti tiċħad l-appell interpost mis-soċjeta` konvenuta appellanti.

13. Fl-ewwel aggravju tagħha s-soċjeta` konvenuta appellanti tikkritika diversi aspetti li jingħad li l-ewwel Qorti straħet fuqhom, sabiex permezz tas-sentenza appellata hija ġiet misjuba responsabbli għall-inċident fil-grad ta' 90%. Filwaqt li tagħmel referenza għall-ġurisprudenza fejn ir-responsabbilta` tal-imgħallem m'għandhiex titqies bħala waħda awtomatika, hija telenka u tidħol fis-segwenti aspetti: - In-Nuċċali protettiv; - il-Perspettiva tagħha rigward is-Saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol; - is-Superviżjoni; - it-Tagħmir Protettiv; - l-Għodda; - l-Allegata Pressjoni ta' Xogħol; - il-Metodoloġija li biha jitneħħa l-Plastic żejjed minn mal-*Mould; -* Xhieda allegatament inkonsistenti ta' Derek Saliba.

14. Għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn is-soċjetà konvenuta appellanti fl-ewwel aggravju tagħha tikkontesta r-responsabbilta` tagħha għall-inċident in eżami billi tikkritika l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti, kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim'Ministru et**:

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-*

> *apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jiġi osservat li minkejja li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza kienet preseduta diversament minn dik il-Qorti li semgħet ix-xhieda, jirriżulta pjuttost ċar mir-rassenja ta' xhieda miġbura fis-sentenza appellata li l-ewwel Qorti fliet sew ix-xhieda miġbura. Madankollu, jeħtieġ li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli.

15. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-soċjeta` konvenuta appellanti li f'dan il-kamp m'għandux jiġi adoperat il-kunċett ta' *strict liability*, kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-3 ta' April, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Felix Xerri v. Beechwood Limited:**

> "*Ghar-rigward il-principji li jirregolaw il-materja, din il-Qorti tirribadixxi li, fil-waqt illi l-gurisprudenza tal-Qrati taghna timponi obbligi severi fuq min ihaddem biex jassigura "a safe environment" fuq il-post tax-xoghol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha necessarji u mehtiega biex tigi salvagwardata l-inkolumita` tal-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol, dan ma jwassalx ghall-kuncett ta' 'strict liability' ta' min ihaddem, u l-impjegat li jwegga' fuq ix-xoghol huwa obbligat li jipprova li l-incident sehh b'responsabbilita` ta' min ihaddem. Lanqas ma jista' jinghad li tezisti xi prezunzjoni jew, kif sejhitilha l-ewwel Qorti, "kwazi prezunzjoni", ta' responsabbilita` ta' min ihaddem kull meta jsehh incident li fih iwegga' haddiem. Hu obbligu tal-haddiem li juri u jipprova li l-incident sehh konsegwenza ta'*

> *nuqqas ta' min ihaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-ligi jew bil-gurisprudenza in subjecta materia*."

Kwindi jibqa' applikabbli l-prinċipju li min jallega jrid jipprova. Dak li jrid jipprova l-attur f'kawża tad-danni, huwa n-ness li dak li seħħ, kien konsegwenza ta' xi aġir jew xi nuqqas ta' min iħaddem u li dak li ġara ma jkunx konsegwenza ta' aġir jew nuqqas tiegħu stess. Ir-responsabbilta` ta' min iħaddem ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta` minn ta' dak il-bniedem li jeżerċita l-prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja u jekk kemm-il darba l-impjegat ikun traskurat, jew jekk imur kontra l-istruzzjonijiet ta' min jimpjegah, jista' jinżamm unikament jew parzjalment responsabbli għall-akkadut, skont il-każ. Jingħad ukoll li n-negligenza ma tirriżultax biss meta dak li jkun jagħmel xi ħaġa bi traskuraġni jew b'non kuranza, iżda wkoll meta dak li jkun jonqos milli jieħu l-kawteli opportuni u meħtieġa fiċ-ċirkostanzi. Il-ħtija, kif jgħallem ir-**Ricci** (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. VI p. 13):

> *"…non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anche quando ometto o trascuro di far cio` che avrei dovuto fare."*

16. Il-prinċipji applikabbli f'kawżi ta' danni fejn ikorri ħaddiem fuq il-post tax-xogħol, jirriżultaw mill-provvedimenti tal-liġi ġenerali, ċioe` l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*", liema ħtija tinkombi fuq min "*ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*" (Artikolu 1032(1) tal-Kap.

16), jew li jkun għamel jew naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi (Artikolu 1033). Inoltre, fil-qasam tas-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol, tapplika liġi speċjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min iħaddem, kif ukoll tal-ħaddiem. Hija regola ġenerali f'dan il-qasam li, min iħaddem irid jipprovdi *a safe system of work*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et**). Fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem insibu l-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji, li jittiehdu l-miżuri meħtieġa li jitnaqqsu dawk ir-riskji (Artikolu 6(2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-għoti tat-tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ, kif ukoll superviżjoni sabiex titħares is-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiem (Artikolu 6(3) tal-Kap. 424). Dawn id-dmirijiet iġorru magħhom grad għoli ta' responsabbilta` fuq min iħaddem, li fuqu jaqa' l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi timponi fuqu fir-rigward.

17. Min-naħa l-oħra, skont l-istess liġi speċjali, l-grad għoli ta' responsabbilta` ta' min iħaddem, ma jeħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jhares is-saħħa u s-sigurta` tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Artikolu 7(1) tal-Kap. 424) jew milli jikkopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7(2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll, jitqies li ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li

joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. Ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew għall-prekawzjonijiet li jkun fetaħlu għajnejh għalihom min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li jġarrab. Fil-fatt fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Peter Ronald v. Polibon Construction Limited**, ingħad hekk:

> ***"Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jipprovdi dak li jissejjah 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-impjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-employer u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom."*** (enfasi ta' din il-Qorti).

18. Jiġi osservat li in kwantu n-nuċċali protettiv, tabilħaqq ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li fil-mument tal-inċident, l-attur appellat ma kienx liebes in-nuċċali protettiv, id-diverġenza bejniethom tiċċentra fuq ir-raġuni għala l-attur ma kienx liebes l-imsemmi nuċċali. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm xejn inkonsistenti bejn dak li ngħad mill-attur fir-rikors promotur li dakinhar li seħħ l-inċident ma kellux disponibbli l-użu ta' *safety glasses* u li fl-istess att jingħad li kien provdut *safety glasses* li kien maħsub għall-użu tal-ħaddiema kollha li mbagħad kien inkiser u sad-data tal-inċident ma ġiex rimpjazzat, jew meta in kontro-eżami xehed li n-nuċċali kien nieqes. Dawn ilkoll fis-sustanza jfissru li l-attur appellat ma kellux nuċċali protettiv disponibbli għalih fil-mument tal-

inċident, peress li jekk kien effettivament inkiser u qiegħed fil-kaxxa tal-għodda jew nieqes għal kollox mill-kaxxa tal-għodda wara li nkiser, ma jbiddel xejn mis-sustanza tal-fatt li l-attur ma kellux nuċċali protettiv għad-dispożizzjoni tiegħu fil-mument tal-inċident.

19. M'hemmx dubju li mill-provi in atti jirriżulta li s-soċjeta` konvenuta effettivament ipprovdiet lill-attur nuċċali protettiv fit-23 ta' Novembru, 2009 (fol. 179) u ieħor fil-15 ta' Marzu, 2011 (fol. 183 tal-proċess). Iżda fix-xhieda tiegħu l-attur spjega li kien ingħata *safety goggles* għall-użu tax-xift kollu tiegħu flimkien mal-għodda ġewwa l-kaxxa tal-għodda. Effettivament Derek Saliba, Direttur fi ħdan is-soċjeta` konvenuta appellanti xehed li r-rikorrent ingħata dawn is-*safety glasses* bħala *machine setter/shift leader.* Hekk ukoll Edward Azzopardi, impjegat mas-soċjeta` appellanti, jispjega d-deċiżjoni li n-nuċċali protettiv jingħata lil ċertu ħaddiema meta xehed li :

> *"it-tghamir protettiv, bl-esklużjoni tas-safety shoes, kien ingħata lix-shift leader/mould setter għall-użu tiegħu. Dan għaliex hu kien l-unika persuna li kellu bżonn juża n-nuċċali. Il-bqija tal-ħaddiema, bħala operators, xogħolhom kien li jiġbru x-xogħol minn taħt dawn il-magni. Ma kienx xogħolhom li, per eżempju, jsewwu jew jirranġaw dawn il-magni u għalhekk ma kellhomx bżonn dan it-tip ta' tgħamir."*

Jibqa' l-fatt li, mill-provi in atti rriżulta li n-nuċċali protettiv li kien ingħata lill-attur madwar sentejn qabel, kien jitħalla fil-kaxxa tal-għodda għall-użu ta' numru ta' ħaddiema. Nuċċali protettiv m'għandux jitħalla fil-kaxxa tal-għodda u lanqas għandu jintuża minn diversi nies. Mhix ħaġa kbira li

nuċċali li jitħalla fil-kaxxa tal-għodda u li jintuża minn diversi nies jinkiser aktar malajr. Inoltre jirriżulta nkontestat li l-ħaddiema kollha tas-soċjeta` konvenuta ngħataw nuċċali protettiv wara li seħħ l-inċident tal-attur, inkluż l-attur appellat meta huwa rritorna lura għax-xogħol (ara Dok. FS a fol. 35 tal-proċess). Fil-fatt, minn dan l-aħħar dokument tirriżulta wkoll it-twissija tad-direttur tas-soċjeta` konvenuta appellanti lill-ħaddiema, li jintuża n-nuċċali meta jkunu qegħdin inaddfu jew imissu mal-materjal, jew "*whenever you think that a risk of eye injury is identified."* Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta qalet li s-soċjeta` konvenuta qieset biss verament il-bżonn tan-nuċċali wara li seħħ l-inċident.

20. In kwantu s-soċjeta` appellanti tikkontendi li l-attur ma ressaq l-ebda prova li n-nuċċali kien effettivament inkiser u lanqas tirriżulta prova li effettivament kien talab li jinbidel dan in-nuċċali protettiv xi ftit xhur qabel l-inċident, kif isostni l-istess attur, mentri r-rappreżentanti tas-soċjeta` appellanti jiċħdu li saritilhom din it-talba, tajjeb li jiġi mfakkar li huwa normali li l-kontendenti f'kawża jagħtu verżjonijiet kuntrastanti. Madankollu, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-24 ta' Marzu, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Maria Xuereb et v. Clement Gauci et**:

> *"Huwa pacifiku f'materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*
*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitor"*

L-ewwel Qorti tat affidament lix-xhieda tal-attur fid-dawl tax-xhieda mogħtija mill-impjegat imressaq mill-appellanti, Edward Azzopardi, li xehed li l-attur kien wieħed minn dawk li kien jilbes in-nuċċali ta' spiss, mingħajr il-bżonn li tinġibed lilu l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jagħmel dan, bħala xhieda li tikkorrobora l-verżjoni tal-attur li meta kellu nuċċali għad-dispożizzjoni tiegħu, huwa kien jilbsu. Hawn ukoll, din il-Qorti ma tara xejn ħażin f'tali raġunament, li fil-verità huwa wieħed pjuttost loġiku.

21. Fir-rigward tal-mistoqsijiet imqanqla mill-istess soċjeta` appellanti meta tistaqsi kif ħadd ma nduna li n-nuċċali protettiv ma kienx qiegħed jintlibes għal xhur sħaħ, ir-risposta hija pjuttost ovvja li kien hemm nuqqas ta' superviżjoni effettiva. X'sar min-nuċċali li ngħata lill-attur qabel ma seħħ l-inċident in kwistjoni mhux, fil-fehma ta' din il-Qorti, punt daqstant relevanti. Mentri x'interess kellha s-soċjeta` appellanti li tonqos li tipprovdi nuċċali ieħor, l-istess Derek Saliba jixħet dawl dwar kif kienu jitrattaw talbiet għar-rimpjazz, meta in kontro-eżami xehed:

*"Dejjem kien ikolli l-għodda in stock jiena. ...Biex intihom mill-ewwel. L-għodda li nużaw il-ħin kollu bħal alan keys, spanner u dawn l-affarijiet kien ikollna stock tagħhom. Jekk għodda li tintuża darba jew f'mitt qamar u jiġrilha xi ħsara, hemmhekk inkunu rridu mmorru nixtru waħda..."*

Mistoqsi jekk kienx idum sabiex iġib din l-għodda, x-xhud wieġeb "*Skont*"*!* Mistoqsi jekk l-attur kienx issuġġerielu li għodda li kellu ma kinux biżżejjed, iwieġeb: *"għalina kienu biżżejjed".* Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk kienx hemm okkażjonijiet fejn l-attur talab xi għodda u ma ngħatatx lilu huwa jwieġeb "*Jista' jkun*"*!!* L-istess xhud saħansitra jammetti li kien hemm okkażjoni fejn l-attur ġab għodda personali mid-dar sabiex jagħmel tajjeb għal dak li kellu nieqes mill-kaxxa tal-għodda! Dan mhux metodu kif imexxi mgħallem għaqli, li jipprovdi lill-ħaddiema bl-għodda kollha meħtieġa sabiex iwettqu x-xogħol tagħhom bl-aħjar mod possibbli. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din ix-xhieda dwar kif is-soċjeta` konvenuta appellanti kienet timxi fil-provvista tal-għodda, aktarx tirrifletti wkoll il-provvista ta' tagħmir protettiv meħtieġ għall-ħaddiema tagħha, li fil-verità ma tagħtix impressjoni daqstant tajba.

22. L-allużjoni magħmula mis-soċjeta` appellanti li dan l-inċident seħħ fit-tard, ftit minuti qabel l-attur kien ser jispiċċa mix-xogħol u li din kienet ir-raġuni għala l-attur għażel li ma jilbisx in-nuċċali, hija fl-aħjar ipotesi konġetturali. Għalkemm l-attur tabilħaqq kellu dmir li "*jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurta` tiegħu stess*", kif jingħad mis-soċjeta` appellanti, din il-Qorti ma taqbilx magħha meta jingħad minnha li kienet deċiżjoni tal-attur li jipproċedi f'xogħlu mingħajr l-użu tan-nuċċali protettiv, meta kien konsapevoli tal-konsegwenzi li seta' jkun hemm, bħallikieku l-attur bħala ħaddiem kellu xi għażla li jirrifjuta li jwettaq ix-xogħol mistenni

minnu! Huwa verosimili dak li jingħad mill-istess attur, li persuna fil-pożizzjoni tiegħu jibqa' għaddej bix-xogħol peress li jkun irid jibża' għal ħobżu.

23. Imiss li tiġi trattata l-perspettiva tas-soċjeta` konvenuta fir-rigward ta' aspetti ta' saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol. Tabilħaqq Derek Saliba fix-xhieda tiegħu saħaq li l-ħaddiema kienu jingħataw it-taħriġ kollu meħtieġ, inkluż aspetti ta' saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol, kien isir eżerċizzju ta' *risk assessment* għall-ewwel bl-għajnuna ta' espert fil-qasam (ma ngħata ebda tagħrif dwar min kien dan l-espert u lanqas tressaq xi ħadd sabiex jixhed dwar din il-materja) u sussegwentement kull sena flimkien mal-ħaddiema, li kienu jipprovdu t-tagħmir protettiv kollu meħtieġ u li kienu joħorġu wkoll avviżi sabiex ifakkru lill-ħaddiema dwar l-obbligi tagħhom. Permezz ta' din ix-xhieda tingħata stampa li s-soċjeta` appellanti kienet timxi mal-obbligi legali tagħha. Iżda, b'żieda ma' dak hawn qabel osservat minn din il-Qorti f'paragrafu 21, mix-xhieda tal-Inġinier Ronald Attard Pullicino u ta' Patrick Cassar jirriżulta li t-taħriġ mogħti lill-impjegati tas-soċjeta` konvenuta kien aktar immirat lejn it-tejorija wara l-prattika tal-manifattura tal-prodott u l-kwalita` tal-prodott, milli dwar saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol. Relevanti huwa l-fatt li meta dan l-aħħar xhud kien mistoqsi dwar kif il-ħaddiema ngħataw struzzjoni li jneħħu plastik li jeħel, dan iwieġeb li meta jeħel il-plastik ġol-forma, għandha tintuża virga tar-ram sabiex jinqala' l-plastik. Ix-xhud

ikompli jispjega li lbies protettiv (ħlief għaż-żarbun) ma ssemmiex, iżda prattika ħażina li spiss iltaqa' magħha hija li, jintuża turnavit sabiex isammru, mentri l-prattika t-tajba hija li tintuża virga tar-ram, peress li r-ram huwa artab u meta jsir it-tismir il-forma ma ssirilhiex ħsara. Kwindi apparti li minn din ix-xhieda joħroġ li l-impjegati tas-soċjeta` konvenuta ma kinux qegħdin jadottaw prattika tajba ta' kif ineħħu l-plastik (peress li ma jirriżultax li kienu ngħataw dawn il-vireg tar-ram mis-soċjeta` konvenuta), lanqas jista' jingħad li l-ħaddiema ngħataw taħriġ veru u proprju dwar miżuri ta' saħħa u sigurta fuq il-post tax-xogħol. Il-fatt li s-soċjeta` konvenuta appellanti tittanta tislet mill-provi xi nuqqasijiet tagħha li rriżultaw fil-mori tal-proċeduri, sabiex issostni l-argument tagħha li, kuntrarjament għal dak li ngħad mill-ewwel Qorti, hija ma ppruvatx tagħti l-impressjoni li kienet topera l-fabbrika b'mod perfett, ma jbiddel xejn mill-konklużjoni li kien hemm nuqqasijiet fl-aspetti ta' saħħa u sigurta` fl-operat tas-soċjeta` konvenuta appellanti.

24. Mil-lat ta' superviżjoni, filwaqt li s-soċjeta` konvenuta appellanti tikkontesta l-konklużjoni tal-ewwel Qorti fis-sens li Derek Saliba kien jaf kif kienu qegħdin jaħdmu l-impjegati u dan għal snin twal u qatt ma waqqafhom, din il-Qorti, tirrileva li dan ingħad mill-ewwel Qorti f'żewġ kuntesti, l-ewwel wieħed fis-sens li l-ħaddiem kienu qegħdin jużaw l-għodda żbaljata (fejn suppost kien jintuza r-ram kien jintuża l-ħadid u fejn suppost kien jintuża martell *soft mallet* il-ħaddiema kienu jużaw martell

normali tal-ħadid, skont kif provdut lilhom mill-prinċipal). Hekk ukoll, bħala prattika ta' xogħol, irriżulta li mhux f'kull każ kienet tissaħħan il-ħadida qabel ma jitneħħa l-plastik, iżda l-prassi kienet li skont id-daqs tal-plastik li jrid jitneħħa, u fejn jinsab il-plastik imweħħel jekk hux barra jew ġewwa, l-impjegat imexxi jew billi jsammar u din tinqala' jew tissaħħan il-ħadida u l-plastik jinqata' skont id-daqs tal-plastik li jkun inġema' u għaqad.

25. Derek Saliba fix-xhieda tiegħu nsista li l-prattika tajba kienet titlob li tissaħħan il-*blade* jew li jintuża r-ram. Iżda mil-lista tal-għodda esebita minnu, filwaqt li jirriżultaw il-*blades* provduti lill-ħaddiema, mill-istess lista r-ram ma jirriżultax. Fil-kontro-eżami, l-istess Saliba jixhed li huma dejjem kienu jsaħħnu l-*Blade* u li ma jafx il-għala l-attur mar isammar. Il-fatt li Saliba jixhed li qatt ma kien ra lill-ħaddiema jużaw il-prattika li jsammru ma tantx hija kredibbli, meta oriġinarjament huwa stess semma l-użu tar-ram. Relevanti wkoll f'dan il-kuntest hija x-xhieda ta' Dennis Grech, impjegat li kellu l-istess kariga bħal dik tal-attur, li jiddeskrivi kif il-ħaddiema kienu jfittxu turnavit, jew li jsibu, inkluż xi *blades* u jipprovaw isammru bihom sabiex jippruvaw jaqtgħu l-materjal bihom jew isaħħnu l-*blade* skont il-każ. Il-prattika li jsammru b'turnavit, ix-xhud Patrick Cassar proprju ddeskriva bħala prattika ħażina (mentri l-prattika t-tajba hija li tintuża virga tar-ram, peress li r-ram huwa artab). Mhuwiex kontestat li Derek Saliba kien ikun preżenti ġurnata sħiħa u għalhekk din il-Qorti bħal

ta’ qabilha hija konvinta li huwa kien jara kemm l-għodda li bih kienu jaħdmu l-impjegati, kif ukoll il-prattika adottata minnhom sabiex ineħħu l-plastik magħqud. Filwaqt li huwa minnu li jirriżulta li Derek Saliba ħa passi u widdeb lill-attur appellat meta bħala *shift leader*, ħalla l-magni waħedhom, ma jirriżulta li ttieħdet ebda azzjoni fil-konfront tal-ħaddiema dwar din il-prattika ħażina. Għalhekk is-superviżjoni provduta lill-ħaddiema ma tistax tissejjaħ effettiva. Il-fatt li l-attur appellat kien *shift leader* mgħobbi bir-responsabbilta` li jmexxi l-grupp ta’ nies assenjati lilu u li jsolvi l-problemi li jinqalgħu bil-magni, ma jeżonorax lis-soċjeta` konvenuta appellanti mill-obbligi legali tagħha nkluż li tipprovdi l-għodda adattata, tadotta prattiċi ta’ xogħol tajba u twettaq superviżjoni effettiva. Għalkemm is-soċjeta` appellanti ressqet bħala xhud lil Edward Azzopardi sabiex jisħaq li huwa flimkien ma’ Derek kienu spiss jinżlu ħdejn il-ħaddiema sabiex jassikuraw li l-ħaddiema jkunu lebsin l-ilbies protettiv, huwa in kontro-eżami jixhed li huwa m’huwiex il-Health And Safety Officer tal-kumpanija, iżda li dan kien Frank Saliba (direttur ieħor tas-soċjeta` konvenuta li ma tressaqx sabiex jixhed).

26. Fir-rigward tat-tagħmir protettiv, huwa minnu li apparti s-*safety shoes,* mill-provi jirriżulta li s-soċjeta` konvenuta appellanti kienet tipprovdi wkoll ingwanti tal-ġilda u *safety glasses* lill-attur bħala *shift leader* (minkejja li kif rilevat qabel dan in-nuċċali protettiv kien irid iservi lill-ħaddiema kollha assenjati miegħu, tant li kien ikun fil-kaxxa tal-għodda

u mhux assenjat lil kull ħaddiem, kif seħħ wara l-inċident). Dan lil hinn mid-dikjarazzjoni tal-prinċipal li għaliha għamlet referenza l-ewwel Qorti (Dok. DS 13 a fol. 185). Isegwi li minkejja l-fatt li s-soċjeta` appellanti kienet ħarġet policy fejn għabbiet bir-responsabbilta` lil kull *coordinator* sabiex jidentifika t-tagħmir protettiv meħtieġ u sabiex jassigura li dan it-tagħmir protettiv ikun qiegħed jintuża u li jkun f'kondizzjoni tajba, għal darb'oħra jiġi ribadit li ma jeżonarax lis-soċjeta` konvenuta mill-obbligi legali tagħha li apparti li tipprovdi t-tagħmir protettiv meħtieġ u tirrimpjazza immedjatament dak it-tagħmir protettiv li jista' jispiċċa maż-żmien, kellha tipprovdi superviżjoni effettiva, kif ukoll miżuri sabiex tassigura li l-ħaddiema jkunu qegħdin jilbsu t-tagħmir protettiv provdut lilhom. Il-fatt li Derek Saliba jixhed li meta ma kienx ikun hemm il-ħaddiema kienu jabbużaw u ma jilbsux dak meħtieġ għall-protezzjoni tagħhom huwa proprju punt kardinali, peress li l-għarfien tan-nuqqas tal-ħaddiema li jużaw it-tagħmir protettiv meta kien ikun nieqes, kien proprju indikattiv tal-ħtieġa ta' superviżjoni u miżuri aktar effettivi, sabiex il-ħaddiema jilbsu t-tagħmir meħtieġ ħalli jipprevjenu inċidenti bħal dak in eżami.

27. Inoltre, il-fatt li x-xhud Patrick Cassar bħala *section leader* mal-Playmobil kellu rwol sabiex iħarreġ lill-ħaddiema fix-xogħol relattiv u kif jiġu solvuti ċertu problemi tekniċi, għalkemm it-taħriġ fih innifsu huwa tajjeb, ma jirriżultax li l-istess xhud huwa xi espert ta' saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol. Tant li kif osservat mill-ewwel Qorti, dan ix-xhud ħass

biss il-ħtieġa li jirrileva li kellu jintlibes *safety shoes.* Jista' jkun li l-użu tan-nuċċali protettiv mhux meħtieġ mis-*shift leader* il-ħin kollu, iżda kien ikun aktar siewi li l-ħaddiema ngħataw ukoll taħriġ fuq l-aspetti tas-saħħa u sigurta` relattiv għax-xogħol tagħhom minn esperti fil-qasam. In kwantu l-fatt li l-attur korra konsegwenza tal-għażla tiegħu li jsammar u mhux idewweb il-plastik skont l-istruzzjonijiet mogħtija lilu, huwa dubjuż kemm l-attur ingħata dawn l-istruzzjonijiet kunsidrat ix-xhieda oriġinali ta' Derek Saliba, kif ukoll l-istess taħriġ li ngħata minn Patrick Cassar. In kwantu l-argument tal-appellanti li l-attur "għażel" li ma jilbisx in-nuċċali, ukoll hija dubjuża kunsidrat ix-xhieda ta' Edward Azzopardi li l-attur spiss kien jilbes in-nuċċali protettiv, li effettivament issaħħaħ l-argument tal-attur, li ma libisx in-nuċċali għar-raġuni li dan ma kienx disponibbli għalih fil-mument tal-inċident.

28. In kwantu għall-għodda, is-soċjeta` konvenuta appellanti tisħaq li l-ewwel Qorti straħet fuq ix-xhieda ta' Chris Borg u Dennis Grech meta dawn kienu f'ċertu aspetti kunfliġġenti, u tagħmel referenza għal-listi tal-għodda ffirmati mill-attur appellat bħala konferma li ngħatawlu, li jingħad ma ġewx rikonoxxuti mill-ewwel Qorti. Iżda kif osservat qabel, minn eżami ta' dawn id-dokumenti jirriżulta n-nuqqas li l-ħaddiema jiġu pprovduti bir-ram u b'martell *soft mallet,* apparti li mill-imsemmija lista jirriżulta li l-attur ġie provdut b'sett turnaviti li nofshom kienu danneġġjati! In kwantu għan-nuċċali protettiv, kien ikun għaqli għas-soċjeta`

konvenuta li apparti li tqassam in-nuċċalijiet, kultant żmien ikollha sistema fejn jiġi aċċertat li l-għodda u t-tagħmir protettiv imqassam minnha lill-ħaddiema tagħha għadhom fi stat tajjeb. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited et:**

> "...*huwa obbligu ta' min ihaddem li perjodikament jara li kondizzjonijiet tal-attrezzi, apparat, makkinarju, u l-oggetti li jkunu ser jigu uzati mill-haddiema, jew li jkunu ser jahdmu fuqhom, ikunu fi stat tajjeb u ma jkunux ta' perikolu ghall-istess haddiema u dan ghaliex jekk ma jsirx dan, huwa naturali u facli li jesponu lill-istess impjegati ghall-incidenti li setghu jigu evitati kieku ma kienx hemm tali negligenza ta' min ihaddem li jara li l-addetti tieghu jkunu qed jahdmu f'ambjent li wiehed ragonevolment kellu jqis li hu sikur.*"

Inoltre fil-kuntest tal-għodda huma relevanti l-osservazzjonijiet magħmula hawn qabel minn din il-Qorti f'paragrafu 21, li a skans ta' repetizzjoni ssir referenza għalihom.

29. Dwar l-allegata pressjoni ta' xogħol, din il-Qorti tasal li taqbel mas-soċjeta` appellanti li mill-provi ma jirriżultax li dakinhar tal-inċident kien hemm xi pressjoni partikolari sabiex ix-xogħol jitlesta b'urġenza u li l-kwistjoni ta' pressjoni ta' xogħol ma tiġġustifika qatt negliġenza jew nuqqas ta' attenzjoni waqt li jkun qiegħed isir ix-xogħol. Iżda daqstant ieħor huwa verosimili li f'ambjent fejn il-ħaddiema jkunu qegħdin jaħdmu fil-manifattura u l-produzzjoni, jkunu dejjem imħeġġa sabiex itellgħu l-produzzjoni sabiex jintlaħqu ċertu miri jew id-domanda tas-suq, u x-xogħol ta' natura repetittiva tista' twassal għal ċertu aljenazzjoni jew

nuqqas ta' prudenza, kwindi titfa' obbligu akbar fuq il-prinċipal li jassigura li l-ħaddiema jingħataw l-għodda meħtieġa, it-tagħmir protettiv addattat għax-xogħol li jkun qiegħed jiġi mwettaq, li jiġu adottati prattiċi tajba ta' xogħol u li ssir superviżjoni effettiva. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-20 ta' April, 2007, fil-kawża fl-ismijiet **Mayer Scicluna v. TN Waterproofing Limited**:

> "...*hu obbligu ta` min ihaddem biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali ("Grech vs Farrugia noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1994). Kif intqal drabi ohra "<u>employees tend to get careless about risks involved in their daily work", u hu l-obbligu ta` min ihaddem li jikkawtela kontra dan</u> ("Schembri vs Caruana noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-12 ta` Jannar, 1983)."* (sottolinjar ta' din il-Qorti).

30. Imiss li jiġi ndirizzat il-punt dwar il-metodoloġija li biha jitneħħa l-plastik żejjed minn mal-*mould.* Filwaqt li s-soċjeta` appellanti tikkonċedi li hemm żewġ metodi ta' kif jitneħħa l-plastik żejjed minn mal-*mould,* jiġifieri li jew jintuża r-ram jew tissaħħan il-*blade* sabiex jiddewweb il-plastik, hija tisħaq li ma kenitx tagħżel il-proċedura tal-martell, peress li tista' ssir ħsara fuq il-*mould.* Tabilħaqq huwa mill-aktar inkongruwu li s-soċjeta` konvenuta tibqa' ssostni din il-pożizzjoni meta mix-xhieda tal-espert inkarigat minnha fit-taħriġ, jirriżulta li huwa stess irrakkomanda l-użu tar-ram sabiex jitneħħa l-plastik żejjed! Kif jispjegaw l-istess ħaddiema li xehdu fil-kawża, jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn ma jkunx fattibbli li tissaħħan il-*blade,* iżda jkun meħtieġ li jintużaw il-martell u r-ram

sabiex jitneħħa l-plastik. Għalhekk minkejja l-insistenza tar-rappreżentant tas-soċjeta` appellanti li l-metodu rrakkomandat minnhom kien li tintuża l-*blade* msaħħna, sabiex ma ssirx ħsara lill-*mould* (!), din il-prattika ma tirriżultax dejjem possibbli, kif wara kollox jirriżulta mix-xhieda ta' Patrick Cassar mill-istess appellanti. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li kieku ntuża r-ram (kif ukoll is-*soft mallet*) mill-attur dakinhar tal-inċident, kien hemm ċans kbir (probabiltà aktar milli possibilità) li l-inċident seta' jiġi evitat u għal dan in-nuqqas għandha twieġeb is-soċjeta` appellanti. Wara kollox, kif ingħad qabel, din il-Qorti hija konvinta li dan il-metodu ta' martellar ma kienx l-ewwel darba li ntuża mill-ħaddiema u d-diriġenti tas-soċjeta` konvenuta m'għamlu xejn sabiex jew iwiddbu lill-ħaddiema u jew jinsistu fuq bidla f'din il-prattika adottata mill-ħaddiema skont l-istess taħriġ li ngħataw. Għalhekk tirriżulta essenzjali l-ħtieġa li l-ħaddiema mhux biss jingħataw taħriġ dwar kif kellu jsir ix-xogħol, iżda li jiġu provduti wkoll bl-għodda meħtieġa u adattata għall-użu meħtieġ fl-istess xogħol.

31. L-aħħar punt taħt l-ewwel aggravju tas-soċjeta` konvenuta appellanti huwa dak dwar l-allegata xhieda nkonsistenti ta' Derek Saliba. Minkejja li din il-Qorti (bħall-ewwel Qorti li ddeċidiet il-każ), ma kellhiex l-opportunita` tisma' x-xhieda *viva voce,* wara li qieset il-provi in atti, ma tara xejn irraġonevoli fl-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel Qorti tax-xhieda ta' Derek Saliba u dan minkejja li fliet mill-ġdid kemm ix-xhieda

tiegħu, kif ukoll id-dokumenti ppreżentati minnu. Dan jingħad fid-dawl mhux biss tax-xhieda tal-attur u ta' diversi ħaddiema oħra mressqa minnu, iżda kunsidrata x-xhieda ppreżentati mill-istess soċjeta` konvenuta. Jitqies li l-attur appellat irnexxielu jressaq il-grad ta' prova meħtieġa sabiex ipprova n-ness bejn in-nuqqasijiet tal-prinċipal, hekk kif meħtieġ minnu statutorjament u l-inċident li seħħ u li konsegwenza tiegħu huwa ndarab f'għajnu. Isegwi li f'dan il-każ, din il-Qorti ma taqbilx li għandu jiġi applikat il-prinċipju *actore non probante reus absolvitur,* li huwa prinċipju li jiffavorixxi lill-konvenut fejn l-attur jonqos li jagħmel il-prova meħtieġa, in kwantu mill-provi in atti din il-Qorti għandha ċ-ċertezza morali li s-soċjeta` konvenuta appellanti għandha twieġeb għan-nuqqasijiet riskontrati f'dan il-każ. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-ewwel aggravju ser jiġi miċħud.

32. It-tieni aggravju tas-soċjeta` konvenuta appellanti jitratta l-ħtija kontributorja tal-appellat, li tisħaq ġab dan l-inċident b'idejh. Hija tikkritika lill-ewwel Qorti għall-fatt li minkejja li għarfet li l-metodu ta' xogħol użat mill-attur appellat kien skorrett u li żied ir-riskji, l-ewwel Qorti xorta sabet li "*parti kbira mir-responsabbilta` tal-inċident tinkombi fuq is-soċjeta` intimata.*" Tinsisti li minkejja li l-attur appellat ingħata struzzjonijiet sabiex ma jsirx martellar mal-*mould,* dakinhar tal-inċident l-attur għażel li jipprova jaqla' l-plastic billi jsammar metall ma' xafra. Jingħad li l-attur għażel li ma jilbisx nuċċali protettiv minkejja li kien ben konsapevoli tal-

konsegwenzi li setgħu jirriżultaw. L-attur ittanta jiġġustifika l-azzjoni tiegħu bl-allegazzjoni li n-nuċċali tiegħu kien imkisser jew mitluf u ma ġiex rimpjazzat. It-tir tal-appellat kien li jaqla' l-plastik żejjed fl-anqas ħin possibbli, peress li kien wasal fi tmiem ix-xift tiegħu u jipprova jiġġustifika n-negliġenza tiegħu billi jgħid li kellu pressjoni sabiex ilesti x-xogħol. Jingħad ukoll mill-appellanti li l-attur appellat iddeċieda li jipproċedi bl-azzjoni riskjuża, minkejja li allega li ma setax juża t-tagħmir protettiv dakinhar tal-inċident. Għalhekk is-soċjeta` konvenuta appellanti tinsisti li l-inċident kien riżultat dirett tad-deċiżjonijiet tal-appellat stess, qabel ma seħħ l-akkadut. Kwindi ssostni li l-grad ta' kontributorjeta` għandu jkun ferm aktar elevat mill-10% attribwita mill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra wkoll li l-attur appellat aġixxa bi ksur tal-provvediment tal-liġi (Artikolu 7 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) meta b'mod konxju espona ruħu għall-perikolu, minkejja li kien konsapevoli tal-konsegwenzi li setgħu jkollhom l-azzjonijiet tiegħu. L-appellanti tiċċita ġurisprudenza sabiex issostni li l-grad ta' ħtija attribwit lill-appellat mill-ewwel Qorti huwa wieħed għal kollox sproporzjonat u nieqes vera mir-riflessjoni tal-fattur kontributorju tal-appellat. Wara kollox l-appellat seta' faċilment jevita li jseħħ l-imsemmi inċident, kunsidrata l-esperjenza li kellu u dan jgħabbi lill-appellat bir-responsabbilta` sostanzjali għall-akkadut.

33. M'hemmx dubju li, l-attur appellat għandu jġorr parti mir-responsabbilta` għall-inċident in eżami, wara kollox huwa seta' jevita l-

inċident permezz ta' ċertu għażliet li seta' jagħmel. Kif osservat mill-ewwel Qorti : "*Seta' wkoll f'dawn ic-cirkustanzi qies li jekk isahhan il-hadida jkun ahjar biex it-tismir ma jkunx daqshekk qawwi u l-hadida taqta' aktar malajr izda dan ghazel li ma jaghmlux*".

Ġialadarba l-attur kien jaf li ma kellux nuċċali disponibbli għall-ħtiġijiet tax-xogħol in kwistjoni, tabilħaqq kien ikun aktar għaqli għalih li jsaħħan il-ħadida sabiex ineħħi l-plastik magħqud, li wara kollox hija wkoll waħda mill-metodi rakkomandati f'dan il-qasam. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti ta' **Tanti v. Panta Contracting Limited et,** ċitata qabel:

> *"il-ligi trid li fejn il-parti danneggjata tkun hija stess li kkontribwiet ghad-danni b'nuqqas ta' prudenza jew ta' hsieb, jew kellha sehem ghal dik il-hsara li hija garrbet, il-Qorti hija moghtija diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat lok ghal dik il-hsara li hija batiet. Dan igib mieghu tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun dovut lill-impjegat li huwa stess ikun ikkontribwixxa ghal dak li gralu. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawza fl-ismijiet Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et:*
>
> *...meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;*
>
> ...
>
> *Huwa meqjus li meta mpjegat jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li l-hila tieghu u s-sengha fix-xoghol li jkun tqabbad jaghmel imisshom inebbhuh li jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda bis-sens komun u jqieghed lilu nnifsu fil-perikolu, jew hsara ghalih innifsu, ghandu jwiegeb huwa wkoll ghal-hsara li jkun garrab. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Micallef et v. John Pisani noe et noe). Isegwi li tirrizulta l-kontributorjetà tal-attur appellant ghall-incident li huwa garrab u ghandu jittiehed qies ta' dan il-fattur meta ssir il-likwidazzjoni tad-danni."*

34. Kwindi għandha raġun s-soċjeta` konvenuta appellanti meta tgħid li l-attur appellat li kellu kariga ta' *machine setter u shift leader,* messu kien jaf aħjar, peress li kunsidrata l-esperjenza li kellu, din tgħabbi lill-appellat bir-responsabbilta`. Dan jingħad minħabba l-fatt li l-attur kellu jkun aktar konsapevoli tar-riskji li huwa kien ser jidħol fihom meta għażel li jimmartella fuq il-plastik bil-martell fuq ħadida, mingħajr l-użu ta' nuċċali. Kunsidrati n-nuqqasijiet riskontrati qabel da parti tas-soċjeta` konvenuta, dan ma jfissirx li hija tista' taħsel idejha mir-responsabilta` għall-akkadut u fil-fatt din il-Qorti bħal ta' qabilha, xorta tqis li s-soċjeta` konvenuta appellanti għandha ġġorr il-parti kbira ta' responsabbilta`, iżda mhux fil-proporzjon attribwit lilha mill-ewwel Qorti. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis xieraq li r-responsabbilta` tal-attur tiżdied għal 20%, sabiex tirrifletti aħjar ir-riskju li l-attur għażel li jidħol għalih, kunsidrata l-għażla li kellu. Għalhekk dan l-aggravju tas-soċjeta` konvenuta qiegħed jiġi milqugħ.

35. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak dwar il-komputazzjoni tad-danni. Dan l-aggravju tas-soċjeta` konvenuta jiċċentra fuq tliet punti: (i) il-multiplikand – li kellu jiġi adoperat l-ammont riżultanti mill-paga netta u mhux il-paga grossa; (ii) il-*multiplier* – li kellu jiġi adottat il-*multiplier* maqbul bejn il-partijiet ta' 30, peress li jinkorpora fih ċ-*chances and changes of life* u mhux dak applikat mill-ewwel Qorti ta' 35 u t-tnaqqis ta'

*lump sum* fejn il-Qorti adottat tnaqqis ta' 8% mingħajr ma kkunsidrat ir-raġunijiet għalfejn kien hemm id-dewmien ta' sitt snin bejn meta nfetħet il-kawża fl-2015 u meta nqatgħet il-kawża fl-2021.

36. In kwantu għal multiplikand, għandu jingħad li fil-fehma ta' din il-Qorti, is-soċjeta` konvenuta m'għandhiex raġun meta tikkontendi li d-dħul tal-attur appellat li għandu jitqies għall-fini tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* għandu jkun dak nett u mhux dak gross. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited:**

> *"F'każ bħal dan, din il-Qorti temmen li, fil-kejl tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, il-likwidazzjoni għandha ssir fuq il-bażi tad-dħul gross tal-parti mġarrba, meħud b'qies il-fatt probabbli li, 'l quddiem u mal-medda taż-żmien (l-aktar fejn il-vittma tkun ta' età żgħira), ikun hemm żidiet jew titjib fil-paga jew fil-ħila tal-parti mġarrba li ttejjeb id-dħul tagħha. Dan, b'żieda mal-fatt tal-inflazzjoni u l-impatt li tħalli fuq is-saħħa tal-valuta, jagħmel it-tnaqqis fittizju ta' rata ta' taxxa fuq somma li tkun qiegħed titħallas f'daqqa, eżerċizzju ġudizzjarju ażżardat u x'aktarx arbitrarju[4];."*

Din il-Qorti ma ssib xejn irraġonevoli fil-fatt li l-ewwel Qorti adottat bħala multiplikand is-somma ta' €16,723, bħala l-medja tas-salarju annwali gross tal-attur għas-snin 2010, 2011 u 2012 u ma tqisx dan l-ilment tas-soċjeta` appellanti bħala wieħed mistħoqq.

[4]App. Ċiv. 6.10.2020 fil-kawża fl-ismijiet Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et §§ 20 – 2

37. Iżda mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-*multiplier.* Hija l-fehma ta' din il-Qorti, li l-ewwel Qorti ma kellhiex tadotta *multiplier* ta' 35 billi sempliċement tqis li l-eta` lavorattiva tal-attur sa 65 sena u kunsidrat li fil-mument tal-inċident l-attur appellat kellu 30 sena, tagħmel sempliċi tnaqqis. Issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Bonanno v. Malta Freeport Terminals:**

> *"Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-multiplier f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life. Il-kuncett ta' chances and changes of life, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-working life expectancy m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-multiplier. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza Francis Gauci v. Jimmy Bugeja, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' App. Civ. 433/10 25 din il-Qorti, fl-ismijiet Anthony Turner et v. Francis Agius et deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:*
>
> *In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)*
>
> *Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-multiplier: "A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the*

> *plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." (Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122)"*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti tqis li l-*multiplier* li għandu jintuża fiċ-ċirkostanzi hu ta' 30 sena, li jieħu in konsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life* u għalhekk din il-parti tat-tielet aggravju ser jiġi milqugħ.

38. Jifdal it-tielet parti tal-aħħar aggravju, dak dwar it-tnaqqis tal-*lump sum.* F'dan il-każ ukoll ma jitqisx li r-raġunament tas-soċjeta` konvenuta appellanti għandu mis-sewwa. Dan peress li skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, il-perċentwali ta' tnaqqis minħabba l-ħlas ta' *lump sum payment* jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum għaddejja. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et**). Din ir-riduzzjoni fil-perċentwali ta' tnaqqis tibda tiddekorri minn dakinhar li tkun giet intavolata l-kawża sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi r-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantagg illi jikkawza l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-

ismijiet **Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et**). Kunsidrat li s-sentenza finali ser tingħata fi żmien ta' madwar sitt snin minn meta nfetħet il-kawża fl-2015, u kunsidrat ukoll li ma jirriżultax li kien hemm xi dewmien esaġerat imputabbli lil parti jew oħra fil-kawża, tqis li t-tnaqqis ta' 8% adottat mill-ewwel Qorti jirrifletti sew il-prinċipji hawn fuq enunċjati.

39. Għalhekk kunsidrat li ser jintlaqgħu t-tieni aggravju u parti mit-tielet aggravju, il-komputazzjoni tad-danni favur l-attur appellat bħala *lucrum cessans* għandha tinħadem kif ġej: Paga - €16,723; Multiplier – 30; Diżabilita` – 15%. Kwindi €16,723 x 30 x 15% = €75,253.50 Minn din il-figura jrid isir tnaqqis ta' 8% bħala *lump sum payment* ta' €6,020.28, jiġifieri €75,253.50 - €6,020.28 = €69,233.22. Tenut kont li s-soċjeta` konvenuta qegħda tiġi allokata 80% tar-responsabbilta`, l-ammont irid jiġi ridott b'20% (bħala responsabbilta` allokata lill-attur), li jwassal għall-figura ta' €55,386.58.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti ser tilqa' parzjalment l-appell tas-soċjeta` konvenuta u tvarja s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Frar, 2021, billi tiddikjara lis-soċjeta` konvenuta responsabbli għall-inċident in kwistjoni fil-grad ta' 80% u li l-attur għandu jġorr 20% tar-responsabbilta` għall-istess; kif ukoll tillikwida bħala danni u tikkundanna

lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta’ ħamsa u ħamsin elf, tliet mija u sitta u tmenin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,386.58) bl-imgħax mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu għal 20% għall-attur u 80% għas-soċjeta` konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr